MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## DEBORAH MIFSUD ATTARD

Seduta tas-17 ta' Ottubru, 2014

Talba Numru. 600/2013

**Mobisle Communications Ltd**
**C 24655**

**Vs**

**Ibrahim Aboushihab**
**ID 62293A.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-24 ta' Settembru, 2013 illi 'l-konvenut ghandu jhallas lis-socjeta’ attrici 's-somma ta’ elfejn, sitt mija u tmienja u ghoxrin ewro u ghaxar centezmi (€2,628.10) liema ammont huwa in konnessjoni mas-servizzi ta’ kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C40186608 u A/C40186057 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 - prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C40186608 u Dok IZY3 u Dok IZY4 - prospett u ftehim ghall-akkont bin-numru A/C40186057 u Dok IZY5 - estratt

mir-Registru Elettorali , u Dok IZY6 - kopja tal-ittra ufficjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi 'l-konvenut gie interpellat sabiex ihallas izda baqa' inadempjanti u ghalhekk kellha 'ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut, bl-ingunzjoni tal-konvenut in subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mill-Ligi u lanqas ma deher ghas-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2014 u lanqas ghas-seduta ta’ llum.

Ra l-Kapitlu li gie pprezentat mis-socjeta’ attrici fis-seduta tal-14 ta' Ottubru, 2014 u filfatt il-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondi ghalih. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha titiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta’ attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ it-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici is-somma ta’ elfejn, sitt mija u tmienja u ghoxrin ewro u ghaxar centezmi (€2,628.10) bl-imghax legali, sad-data sal-pagament effettiv.

L-ispejjez ikunu a karigu tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------